

**Rikors ippreżentat fl-20 ta' Jannar 2009 — Easycamp vs UASI — Oase Outdoors (EASYCAMP)**

(Kawża T-29/09)

(2009/C 69/109)

Lingwa tar-rikors: L-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Easycamp BV (Amersfoort, l-Olanda) (rappreżentant: C. Beijer, lawyer)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Oase Outdoors ApS (Give, id-Danimarka)

**Talbiet**

- Tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tat-30 ta' Ottubru 2008 fil-Każiġiet magħquda R 853/2007-1 u R 916/2007-1;
- tħalli lir-rikorrenti tkompli tuża t-trade mark Komunitarja — applikazzjoni Nru 3 188 943 għal servizzi fil-klassi 43; u
- tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Applikant għat-trade mark Komunitarja: ir-rikorrenti

Trade mark Komunitarja kkonċernata: it-trade mark figurattiva "EASYCAMP" għal servizzi fil-klassijiet 39, 41 u 43

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark jew sinjal invokat: reġistrazzjoni tat-trade mark Daniża Nru 199 903 355 tat-trade mark figurattiva "easycamp" għal prodotti fil-klassijiet 18, 20, 22, 24, 25 u 28; reġistrazzjoni tat-trade mark Ġermaniża Nru 39 910 614 tat-trade mark figurattiva "easycamp" għal prodotti fil-klassijiet 18, 20, 22, 24, 25 u 28; reġistrazzjoni tat-trade mark tal-Benelux Nru 944 316 tat-trade mark figurattiva "easycamp" għal prodotti fil-klassijiet 18, 20, 22, 24, 25 u 28; reġistrazzjoni tat-trade mark Ingliża Nru 2 191 370 tat-trade mark figurattiva "easycamp" għal prodotti fil-klassijiet 18, 20, 22, 24, 25 u 28; is-sinjal mhux irregħistrat "easy camp" użat fid-Danimarka u r-Renju Unit

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: laqgħet parzjalment l-oppożizzjoni

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: ċaħdet l-appelli

Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill 40/94 billi l-Bord tal-Appell evalwa ħażin li kien hemm probabbiltà ta' konfużjoni bejn it-trade marks ikkonċernati.

**Rikors ippreżentat fil-21 ta' Jannar 2009 — Baid vs UASI (LE GOMMAGE DES FACADES)**

(Kawża T-31/09)

(2009/C 69/110)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrenti: Baid SARL (Pariġi, Franza) (rappreżentant: M. Grasset, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

**Talbiet tar-rikorrenti**

- id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trademarks u Disinni) (UASI) tat-30 ta' Ottubru 2008 (Każ R 963/2008-1) tiġi annullata u mibdula fis-sens li l-appell quddiem il-UASI ppreżentat mir-rikorrenti huwa fondat u, konsegwentement, it-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni tintlaqa';
- tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Trade mark Komunitarja kkonċernata: trade mark verbali "LE GOMMAGE DES FACADES" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 3, 19 u 37 — Applikazzjoni Nru 6 071 641

Deċiżjoni tal-eżaminatur: applikazzjoni għal reġistrazzjoni miċ-ħuda

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċ-hud

Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 40/94 peress li t-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni mhijiex deskrittiva, tal-Artikolu 7(3) tal-imsemmi regolament peress li t-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni kisbet karattru distintiv permezz tal-użu li sar minnha, u tal-Artikolu 73 tal-imsemmi regolament peress li d-deċiżjoni kkontestata hija bbażata, fil-parti l-kbira tagħha, fuq riferimenti għal paġni tal-Internet.